# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

**Minuti**

**Disa' Legislatura**

## *Laqgħa numru 38*

***5.30p.m 18 ta' Novembru 2021***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

## *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *38.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

38.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono u l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbu li jiġu skużati mill-laqgħa.

## *38.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

38.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 37. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

38.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi fakkar lill-membri preżenti li nhar il-Ħadd li ġej ser ikun hawn il-Fun Run tal-President li ser titlaq min quddiem il-paroċċa ta' Marija Reġina fejn inkunu akkumpanjati min mużika tal-bandisti tal-paroċċa. Wara l-Fun Run tibqa' nieżla min Triq Isouard u Triq Zerafa fejn f'Misraħ G.F Abela ser ikun hemm l-iscouts idoqqu. Finalment il-parteċipanti kollha ser jgħaddu min fuq il-Pont San Tumas u min quddiem il-bini tal-Kunsill sakemm il-mixja tintemm quddiem il-Kunsill, fejn hawn ukoll il-parteċipanti jiġi milqugħa mid-daqq tal-banda tal-paroċċa. Is-Sindku ħeġġeġ il-dawk preżenti biex jattendu u li jħajru persuni oħrajn. Apparti hekk is-Sindku kkonferma li r-reġistrazzjonijiet fil-lokalita' huma ferm aħjar min dawk ta' lokalitajiet oħra li huma ikbar.

38.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-preparamenti għall-party tal-anzjani qed jissoktaw. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa importanti li l-persuni kollha li jattendu jrid ikollhom iċ-ċertifikat li huma vvaċċanti. Is-Sindku qabel ma din il-proposta. Wara diskussjoni fost dawk preżenti kien hemm preferenza li minflok is-16 u l-17 ta' Diċemrbu l-attivita' tersaq għall-17 u 20 jew 22 ta' Diċembru jekk dan ikun possibli minħabba li d-dati kienu diġa ġew iffinalizzati.

38.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma l-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser jgħaddi l-ammont ta' €149,959.50 għall-attivitajiet relatati mall-Belt Kulturali 2022, €11,250 għall-iskema Kulturali 2021 liema fondi ser ikunu trasferiti għas-sena d-dieħla u finalment €19,023 għax-xira tal-vann bl-iskema Aċċessibilita' u Mobbilita'.

38.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kien fl-laqgħa ma uffiċjali ta' Transport Malta dwar it-traffic management taż-żona tal-korsa. Is-Sindku spjega li wara li kien hemm membri tal-Kumitat taż-Żwiemel, u jidher li hemm kunsens ukoll min residenti u sidien tal-ħwienet hemm qbil li ma jkunx hemm karozzi li jidħlu min Diċembru Tlettax.

## *38.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

38.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li qed ikun hemm żieda fi-serq fil-lokalita' u staqsa jekk il-Kunsill huwiex qed jagħmel xi ħaġa dwaru, speċjalment li jiżdied id-dawl f'diversi postijiet li huma mudlama. Apparti hekk il-Kunsillier żied jgħid li jekk ikun hemm postijiet li jkollhom nuqqas ta' ndafa u telqa iktar jiżdiedu l-illegalitajiet. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa qiegħed f'diskussjonijiet kontinwi sew mall- Ministru kif ukoll mas-Supratendent, li sall-lum stess ukoll dam ħafna jkellmu. Sadanittant huwa jaqbel li hemm bżonn, dejjem fejn huwa possibli li jiżdied id-dawl. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier sabiex jieħu f'idejħ id-dekasteru tal-indafa u jaġixxi fuqu.

38.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li dwar is-sitwazzjoni tas-sigurta' fil-lokalita', l-Kunsill irid immur li l'hinn mill-Pulizija u joħloq task force, li fiħ naturalment ikunu nklużi l-Pulizija minħabba li s-sitwzzjoni hija verament waħda mhix aċċettabli. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan il-punt is-Supratendent diġa' identifikaħ, jiġifieri li jinħoloq task force, apparti hekk huwa japprezza jekk il-Viċi Sindku jkun involut sabiex dan it-task force ikun issetjat peress li l-Viċi Sindku għandhu d-dekasteru tas-sigurta'.

38.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri wera' ritratti ta' dog park f'lokalitajiet oħra fejn dawn ma jidhirx li swew daqshekk flus mill-Kunsilli rispettivi tagħhom. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel li l-prezz attwali li ressaq il-perit huwa għoli esaġerat u tajjeb jekk issir laqgħa miegħu biex nispjegaw x'irridu.

38.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qed jipproponi li l-Kunsill jorganizza attivita' tal-Milied għat-tfal permezz tal-Fun Train li jdur mall-lokalita' u l-madwar. Id-data tkun idejalment bejn il-27 u 28 ta' Diċembru, u wara l-mawra t-tfal jingħataw borża ta' frott jew ħelu. Huwa ser ikun qed jagħti dettalji ta' prezzijiet il-quddiem. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel ma din il-proposta u qal li jista' jmexxi fuqha.

38.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer xtaq ifakkar lill-Kunsilliera dwar il-Fun Run tal-klieb li din issa ser issir l-Ħadd 12 ta' Diċembru.

38.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal lill-membri preżenti li ser ikollhu laqgħa mall-Professur Torpiano hekk kif ġie avviċinat mill-NGO Din l-Art Ħelwa sabiex isir Mużew Industrijali fil-Marsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jekk dan isir fil-lokalita' tkun ħaġa pożittiva.

38.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li dwar is-sigurta' fil-lokalita' l-hotspot huwa l-Ġnien 6 t'Awissu, l-parti ta' fejn hemm il-Meeting Place sa ħdejn il-bus stop. Huwa spjega li hemm bżonn li jiżdied id-dawl u anke jsiru rotation cameras. Dan għaliex il-qofol tal-problema qed tkun fil-ħinijiet tal-iskola fejn saħansitra qed ikun hemm min jipprova jbiegħ id-droga lit-tfal b'xejn. Dawn huma sitwazzjonijiet inaċċettabli u anke l-Community Police għandhom jagħtu priorita' lil din iż-żona, anke jekk hemm bżonn b'fixed point. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa kellu laqgħa llum stess ma kumpanija li tipprovdi s-servizzi taċ-CCTV cameras u l-fondi ser ikunu qed jingħataw propju mill-Ministeru tal-Gvern Lokali.

38.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab li ssir laqgħa mall-Community Police. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li min irid għada ser issir laqgħa fil-Kunsill Lokali fit-3.30p.m mall-Community Police, pero jixtieq jikkonferma li l-Kunsill sar jaf bil-laqgħa dalgħodu stess.

38.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li wara li kien hemm il-laqgħa dwar ir-Reġenerazzjoni tal-Port mall-Ministru Ian Borg, issa huwa importanti li l-Kunsill jaħdem biex issir kemm jista' jkun malajr il-laqgħa mall-Ministru Miriam Dalli. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel li din il-laqgħa għandha ssir hekk kif iż-żona tal-Menqa taqa' primarjament taħt il-ministeru tagħha.

38.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jipproponi li jsir kalendarju storiku għas-sena kulturali 2022. B'hekk ikun hemm ritratti b'deskrizzjoni qasira tar-ritratt għal kull xahar u jitqassam mar-residenti kollha. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta.

38.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jissuġġerixxi li l-Kunsill għandhu joħroġ ktieb li jikkommemmora s-sena kulturali tal-lokal u ktieb ieħor li jkun indirizzat għat-tfal fl-istess tema imma jkun għat-tfal. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel ma dan is-suġġeriment.

## *38.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

38.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 11/2021 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *38.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

38.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fuq il-kalendarju tas-sena 2022 għall-prezz ta' €250. Barra minhekk inkludew ukoll il-kwotazzjonijiet tax-xogħol biex isir l-armar tal-Milied bħalma jsir ta' kull sena. Il-Kunsillier is-Sur Jospeh Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

38.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ skema dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobbilita'. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kif ġie diskuss fl-laqgħat preċedenti huwa li japplika għal van tal-bulky refuse. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

38.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina nforma lill-Kunsill li huma disponibbli li jarmaw Triq Isouard bil-fustun tad-dawl u pendent għall-prezz ta' €1,000. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li għas-sena d-dieħla li huma bħala kumitat jieħdu Triq Nerik Sacco u l-kuntrattur jieħu Triq Isouard. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li vot favur kien unanimu.

38.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumpanija privata Erremme qed tibgħat kopja tal-proposta tal-proġett tal-Menqa għall-attenzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li fid-disinn hemm dettalji li kienu diġa nklużi fi pjanti preċedenti. Is-Sindku qal li kopja ta' dan id-disinn ser jintbgħat lill-Kunsilliera.

38.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Erremme Business Advisors huma ukoll parti mill-Optimist International u l-Optimist Club of Malta li hija l-fergħa Maltija tieħu ħsieb torganizza għajnuna lil tfal vulnerabbli billi tgħinhom bil-homework, studju u logħob, kif ukoll użu mill-kompjuters. Huma qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jieħu sehem. Il-Kunsill jaqbel li l-ewwel jara dan il-proġett x'jinvolvi, filwaqt li jaqbel mall-kunċett tiegħu. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

38.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Pageant Group ser torganiżża pageant tal-Milied fil-knisja ta' Marija Reġina bhar is-17 ta' Diċembru 2021. Huma qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat jirreklama fuq il-posters li ser jitqassmu fil-ħwienet u l-leaflets li jitqassmu waqt il-pageant għall-prezz ta' €300. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *38.7 Arbli tad-Dawl fi Triq is-Salib tal-Marsa*

38.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fi Triq is-Salib tal-Marsa fejn Bonnici hemm ħafna dlam u sabiex jiżdied id-dawl il-kuntrattur infurmana li hemm bżonn li jiżdiedu arbli ġodda. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur li jiżdiedu l-arbli huwa wieħed unanimu.

## *38.8 Deċiżjoni tat-Tender ġbir tad-Demel (skips)*

38.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar xhur il-Kunsill permezz tal-gwida kontinwa tal-avukat talab liż-żewġ kuntratturi li kienu ssottomettew id-dokumenti għat-tender tal-ġbir tad-demel. Huma ġew mitluba jipprovdu l-permessi tal-ERA li għandhom biex jiġbru d-demel (faecal matter). Dan kien kriterju li l-Bord t'Evalwazzjoni ta' dak iż-żmien ma kienx talab lill-kuntratturi. Dan sar ukoll bil-għan li l-Kunsill jerġa jagħmel l-evalwazzjoni tat-tenderers kif mitlub mill-Qorti. Mid-dokumenti li ngħata l-Kunsill huwa ċar li filwaqt li l-kuntrattur WM Environmental huwa awtonomu fil-permessi għall-ġbir tad-demel, il-kuntrattur l-ieħor Kevin Farrugia għandhu bżonn jinqeda bis-servizz ta' terza persuna bl-isem ta' Brian Borg. L-avukat tal-Kunsill infurmana li l-kuntrattur Kevin Farrugia qatt ma kien informa lill-Kunsill li għandhu bżonn is-servizz ta' kuntrattur ieħor biex jagħti is-servizz mitlub. B'hekk dan in-nuqqas li jiddikjara d-dipendenza tiegħu fuq kuntrattur ieħor tinvalida l-offerta tiegħu. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu mistoqsijiet ġie miftiehem li l-kuntrattur WM Environmental għandu jingħata t-tender. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *38.9 Performance Bonus tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill*

38.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq il-performance appraisals tal-erbgħa impjegati klerikali tal-Kunsill. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ppropona l'impjegati klerikali jingħataw il-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 6%. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *38.10 Deċiżjoni fuq Tender dawl tal-Milied*

38.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ħareġ tender għad-dawl tal-Milied, hekk kid dak li ħareġ is-sena l-oħra kien eQuote. Il-Kunsill irċieva offerta waħda mill-kumpanija D Street Lighting, liema bill of quantities ġiet iċċirkolata lill-membri preżenti, kif tidher hawn taħt. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet fuq din it-tema, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

FINANCIAL BID

Breakdown of Costs

Tender Title Christmas Lights Decorations for the Marsa Local Council

Reference Number KLM 03 2021

| Item | Description | Quantity | Unit Cost Including Taxes/Charges, other Duties & Discounts <u>but</u> Exclusive of VAT (Delivered Duty Paid - DDP) € | Total Including Taxes/Charges, other Duties & Discounts <u>but</u> Exclusive of VAT (Delivered Duty Paid - DDP) € |
|---|---|---|---|---|
| Triq Balbi | Fustuni | 600 meters | 0.95 | 570 |
| | Arbli | 0 | | |
| | twaħħil ta' disinji | 17 | 80 | 1360 |
| | | | | |
| Pont San Tumas | Fustuni | 240 meters | 0.95 | 228 |
| | Arbli | 0 | | |
| | Twaħħil ta' disinji | 10 | 80 | 800 |
| | | | | |
| Triq Nerik Sacco | Fustuni | 450 meters | 0.95 | 427.5 |
| | Arbli | 8 | 80 | 640 |
| | Twaħħil ta' disinji | 8 | 80 | 640 |
| | | | | |
| Triq Stiefnu Zerafa | Fustuni | 1,100 meters | 0.95 | 1,045 |
| | Arbli | 0 | | |
| | Twaħħil ta' disinji | 15 | 120 | 1800 |
| | | | | |
| Binja tal-Kunsill | Twaħħil ta' disinji | 13 meters | 500 | 500 |
| | | | | |
| | | | | |

## *38.11 Tisbieħ tad-daħla ta' Ġnien Belveder*

38.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kien talab il-perit sabiex jagħmel stima għat-tisbiħ tad-daħla ta' Ġnien Belveder min Triq Zerafa, liema tisbiħ qatt ma ġie nkluż fil-proġett mill-bidu. L-istima tal-perit tlaħħaq madwar €24,000 b'tibdil minimu li jinkludi fost oħrajn li jsir pavimentar ġdid. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jekk issir bankina mill-kuntrattur tal-bankini u jkun hemm dustbins, il-Kunsill ser tiġiħ ħafna orħos min hekk. Wara diskussjoni fost dawk preżenti qablu

li tintalab stima mill-kuntrattur tal-bankini fuq id-daħla ta' Ġnien Belveder. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *38.12 Laqgħa Pubblika*

38.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bil-liġi l-Kunsill irid jagħmel żewġ laqghat pubbliċi kull sena, u waħda minnhom trid issir sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru. Madankollu, bħalma ġieli ġara fis-snin preċedenti sa dakinhar il-Kunsill ma jkollux l-allokazzjoni finanzjarja f'idejh. B'hekk is-Sindku ppropona li l-laqgħa pubblika tersaq għall-11 ta' Jannar. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *38.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

38.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għad-9 ta' Diċembru fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |